# Niccolo' Isouard

*Ta'* C. M. De Caro

IN-NAZZJONIJIET ċivili, tista' tgħid kollha, iħabirku kemm
jifilħu biex ixerrdu u jkabbru l-fama u x-xogħol ta' dawk li
ikunu kisbu isem sabiħ f'xi arti jew f'xi xjenza, jew li sta-
fosthom iwaqqfulhom tarahom u tweiidhom, art għal qabżu ikunu
twi f'xi wesgħa ċentrali ta' l-ibliet, isemmu toroq għalihom,
iqiegħdu xi lapida għall-wartanin fil-post fejn twieldu jew inkella
fejn mietu...... u aħna l-Maltin?

Għa!l-pajżani msemmija tagħna — inħossni nistħi ngħid —
ħadd ma ħaseb iwaqqaf xi statwa tassew, għaliex dawk li hemm
il-Mall tal-Furjana ma humiex veri statwi, iżda busti : u dan
mhux għajb għalina? U tgħid persunaġġi famużi aħna ewwilla
ma għandniex? Kieku kelli nġib isimhom, wieħed wieħed, niġ-
bed fit-tul mhux ftit.

Kieku aħna kellna ftit tal-ħeġġa konna aħna nħallu lil *Nic-
colò Isouard* sal-lum mingħajr statwa, fil-qalba tal-Belt, f'xi
ġnien pubbliku jew f'xi post ieħor xieraq?

Niccolò Isouard—aktar magħruf bħala "Niccolò de Malte"
—huwa l-aqwa mużiċista ta' pajjiżna, li twieled fl-1775 u temm
ħajtu f'Pariġi fl-1818 u sa żmien ilu qrabatu kienu għadhom ħaj-
jin fostna. Meta kien għadu żagħżugħ, Isouard kien telaq minn
Malta u mar joqgħod għas-seħħ f'Pariġi—ċentru kulturali tad-
dinja—u dan wara li kien kiteb f'Malta ħafna mużika għall-knej-
jes. Huwa kien ukoll pjanist ta' sengħa kbira. F'dik il-Belt
kapitali huwa fis tħabbeb ma' l-akbar mużiċisti, fosthom ma'
Boildieu—li iżda wara sar rival tiegħu. Hemm dlonk ħa fama
tassew sabiħa.

Fl-1810 semma' l-ewwel darba l-aqwa opra tiegħu, jisimha
"Cendrillon" li kellha suċċess hekk kbir li wara saret, tista'
tgħid, fl-ibliet kapitali kollha ta' l-Ewropa : f'Londra dehret fit-
Teatru "Lyceum" fis-sena 1876 u baqgħet issir fi Franza sa
dawn l-aħħar żminijiet. Fl-1814 kiteb żewġ opri oħra : "Jocon-
de" u "Colin et Jeannot" li ngħoġbu mhux ftit għall-ġmiel tagħ-
hom, u dan barra minn xi opri oħra. Billi l-libretti ta' l-opri tie-
għu kienu sbieħ u mill-aħjar, swewlu wisq għas-suċċess li għamel.

Isouard hu magħdud bħala l-ewwel wieħed li daħħal ġo
Franza l-ħlewwa tal-melodija Taljana u għalhekk ismu huwa



storiku, sew kif kiteb Badger fil-"Guide of Malta". Il-Franċiżi,
li jafu jistmaw biżżejjed il-ġenju ta' nies bħal dawn, qiegħdu l-bust
tiegħu fit-Teatru ta' l-"Opera" u żejnu b'ismu waħda mit-toroq
ewlenin ta' Pariġi... iżda Malta nsiet lil binha li għamlilha tant
ġieħ : il-għaliex barra banda mużikali li żżejnet b'ismu u triq
tas-Sliema msemmija għalih xejn ma għandna li jfakkarna fih.

Isouard kiteb bosta opri oħra li saru b'suċċess kbir u biċċa
minnhom sa żmien ilu kienu għadhom isiru, kif qalli min ħa se-
hem fihom huwa stess. Il-mużika tiegħu, kif igħidulna awturi
tal-mużika kompetenti, hija drammatika, magħżula u mirquma.

Għalkemm qallibt u fittixt ma rnexxilix insib li xi impres-
sarju pajżan tagħna qatt ħaseb biex isemmagħna xi wieħed mix-
xogħlijiet tiegħu; jekk huwa hekk (għax bilkemm nista' nem-
men), mhux tassew għajb għalina?!

---

## UGANDA

*Ta'* S. Gatt

Kulfejn timraħ il-għajn iħaddru s-siġar
bħal kwiekeb fis-smewwiet f'dil-art mifruxa.
Kulfejn il-pass jimtedd il-għana jidwi
t'agħsafar ta' kull daqs b'elf lewn minquxa...

Ftit bogħod minn xuixin ifrħula ċkejkna,
mgħammra bi djar ta' sura kerha u fqira
li fihom jgħixu nies nofshom għarwiena
li jafu ftit jew xejn mid-dinja kbira...

U tibki l-art dirgħajn li jtuha l-ħajja,
u tisħet dell il-mewt li jaħkem fuqha;
Tixtieq il-ħalib tagħti ta' sidirha
biex taqdi d-dmir għalih mn'Alla maħluqa...

Jgħix min jitwieled hemm il-ħajja mċaħħda
minn dak li l-ħajja titlob bħala ħajja;
Jitwieled, jgħix u jmut... bla ebda tama
li darba jibdel minn ta' ħajtu l-grajja.

Iżda għalkemm magħluq ġo fih innifsu,
u f'qalbu ma tixgħelx tal-hena xrara,
Hu jinsa lilu nnifsu... għal ftit... u jiżfen
iż-żifna tat-tanbur u tas-suffara!...

UNIVERSITY L